31986R1797

L 157/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.6.1986

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1797/86
tad-9 ta' Ġunju 1986
li jabolixxi ċerti piżijiet postali għall-preżentazzjoni tad-dwana

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi d-Deċiżjoni 79/8/KEE tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea, huma u jiltaqgħu ġewwa l-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-abolizzjoni ta' ċerti piżijiet postali għall-preżentazzjoni tad-dwana (4) rigward il-kunsinni tal-merkanzija mibgħuta minn Stat Membru u li jibbenefikaw fl-importazzjoni minn taxxi fuq id-dħul u l-ħruġ u minn dazji tas-sisa;

Billi l-awtoritajiet ta' wħud mill-Istati Membri b'konsegwenza ta' dan jissoktaw jimponu dawn il-piżijiet rigward konsinni oħra ta' merkanzija Komunitarja mibgħuta minn Stat Membru ieħor;

Billi huwa mixtieq illi s-suq intern Komunitarju jissaħħaħ billi jitnaqqsu u, meta possibbli, jitneħħew il-formalitajiet u l-piżijiet li japplikaw għall-kummerċ fil-merkanzija Komunitarja bejn l-Istati Membri; billi l-abolizzjoni finali tal-piżijiet postali għall-preżentazzjoni tad-dwana fil-kummerċ fil-Komunità tagħmel kontribuzzjoni maġġuri għall-kisba ta' dan il-għan billi jkollha effett viżibbli u immedjat fuq dan il-kummerċ għall-benefiċċju taċ-ċittadini ta' l-Ewropa;

Billi t-Trattat ma pprovdiex il-poteri meħtieġa għal dan il-għan, għajr dawk fl-Artikolu 235,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-piżijiet postali ma għandhomx jiġu imposti iktar għall-preżentazzjoni tad-dwana rigward il-kunsinni tal-merkanzija mibgħuta minn Stat Membru li jwettaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 9 u 10 tat-Trattat,

L-Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 1, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi Spanja u fil-Portugall rigward il-piżijiet postali għall-preżentazzjoni tad-dwana fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi jistgħu japplikaw bl-istess kondizzjonijiet għall-kummerċ kondotti ġewwa l-Komunità għal sakem idumu jiġu imposti d-dazji tad-dwana b'konnessjoni ma' dan il-kummerċ.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Ġunju 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. M. V. van AARDENNE

(1) ĠU C 202, ta' l-10.8.1985, p. 8.
(2) ĠU C 352, tal-31.12.1985, p. 289.
(3) ĠU C 344, tal-31.12.1985, p. 6.
(4) ĠU L 6, tal-10.1.1979, p. 26.